# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Tnejn u Hamsin (52)**

**8 ta' Awwissu 2022**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fis-6.00 ta' filgħaxija b'mod virtwali.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aaron Agius – Kunsillier
Anthony Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

52.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tal-Vici Sindku Aaron Agius u tal-Kunsillier Anthony Attard li ma setghux jattendu ghal-laqgha b'urgenza tal-lum.

52.1.2 Il-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw din l-apoloġija.

**52.2 Is-sitwazzjoni attwali ta' Triq il-Marga fil-lokalita' tax-Xaghra**

52.2.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li hu sejjah din il-laqgha b'urgenza sabiex jiddiskuti s-sitwazzjoni attwali ta' Triq il-Marga fil-lokalita' taghna.

52.2.2 Is-Sindku qal li nhar il-Gimgha 29 ta' Lulju 2022 saret zjara fuq il-post mill-Perit tal-Kunsill, Edward Scerri, li ghaliha kien prezenti hu wkoll flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard. Is-Sindku qal li l-Perit Edward Scerri huwa tal-parir li l-Kunsill jindirizza fl-immedjat l-aktar zewg partijiet kritici ta' din it-triq u dan wara li ricentament insterqu l-*bollards* li gew installati mill-Kunsill fil-parti tat-triq li qieghda ccedi.

52.2.3 Is-Sindku qal li l-Perit Edward Scerri prepara zewg stimi separati ghal dan ix-xoghol pero' l-istess Perit huwa tal-parir li l-Kunsill jimxi bl-ewwel stima peress li f'dan il-kaz, ix-xoghol li ser isir ikun aktar dettaljat u ghaldaqstant iservi izjed. Minhabba li din l-istima tammonta ghas-somma ta' madwar € 104,000, is-Sindku qal li ghandna nitolbu l-assistenza tal-Ministeru ghal Ghawdex minhabba li din is-somma ma tistax tinhareg kollha mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

52.2.4 Il-Kunsillier Victor Curmi esprima r-riservi tieghu ghax-xoghol kif propost ghax qal li dan jista' jwassal biex eventwalment jinqalghu partijiet ohra mit-triq u ghaldaqstant ix-xoghol ikun sar ghalxejn. Huwa qal li ghandna nesploraw modi ohra ta' finanzjament biex tkun tista' ssir it-triq kollha minn fuq sa isfel.

52.2.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit qal li huwa jaqbel mal-Kunsillier Victor Curmi fir-rigward ta' esplorazzjoni ta' modi ohra ta' finanzjament u hekk qed isir pero' hemm bzonn li tinstab soluzzjoni temporanja fl-immedjat li thares is-sahha u s-sigurta' tas-sewwieqa li jghaddu ta' kuljum minn din it-triq.

52.2.5 Wara diskussjoni, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li ghandna nitolbu l-assistenza finanzjarja tal-Ministeru ghal Ghawdex ghax-xoghol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq il-Marga kif propost mill-Perit tal-Kunsill, Edward Scerri. Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu risposta sat-Tlieta 23 ta' Awwissu 2022 sabiex din il-materja tkun tista' tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

52.2.6 Il-laqgha tal-Kunsill intemmet fis-6.15pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Dr. Christian Zammit**<br>**Sindku** | **Ivan Attard**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |